## **Ir-Randan żmien ta' grazzja**

Ir-Randan żmien ta' grazzja
Stedina għall-imħabba,
Qalbna tirtab, tinfetaħ
Fiha s-sewwa jittrabba.

Ir-Randan żmien ta' grazzja
Tama ġdida għal ħati,
Biex jinfeda minn dnubu
Imħabba għandu jagħti.

Ir-Randan żmien ta' grazzja
Fejn qalb niedma issarraf,
Is-sogħba għal dnubietha
Minnha l-ħażen iġġarraf.

Ir-Randan żmien ta' grazzja
L-għemejjel ta' karità,
Kemm huma l-iprem xhieda
Tal-magħrufa umiltà.

Ir-Randan żmien ta' grazzja
Sawm fl-ikel anki fil-kliem,
Hu t-tfittxija qaddisa
Biex tikber ir-ruħ fis-sliem.

Ir-Randan żmien ta' grazzja
Minnu nibdlu l-viżjoni,
Inbarru l-egoiżmu
U nħaddnu l-komunjoni.

Ir-Randan żmien ta' grazzja
Nagħtu daharna lid-dieqa,
Li jġibilna kull ħażen
Nagħtu l'xulxin tgħannieqa.

Ir-Randan żmien ta' grazzja
Għax nibdew naraw f'xulxin,
Mhux aktar l-għadu kiefer
'mma lil Kristu hekk viċin.

Ir-Randan żmien ta' grazzja
Inħalluh minna iħoll,
Kull xkiel għax issa Kristu
Bi mħabbtu salvana lkoll.

Patri Mario Attard OFM Cap

22 ta’ Frar 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.